MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 748/2002/1

**Albert Xuereb**

**vs**

**Joseph Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Dicembru, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kunndanna tal-konvenut sabiex jirrifondi s-somma ta' erbat elef mitejn u wiehed u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm4291.50) jew somma ohra verjuri li dina l-Qorti joghgobha tiffissa f'ammont li ghall-finijiet ta' kompetenza

tal-Qorti m'ghandux jeccedi l-hamest elef lira, dovuti minnu in kwantu ghal telf fil-valur tal-vettura tat-tip Jaguar Sovereign li kellha n-numru tar-registrazzjoni O-4023 liema vettura kienet giet mibjugha u kkonsenjata lilu mill-attur ai termini ta' skrittura privata tal-15 ta' Marzu,1995, liema bejgh gie mahlul b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-24 t'Ottubru, 2002, fl-ismijiet "Albert Xuereb vs Joseph Baldacchino" (Citaz. Nru.2224/97 GCD), liema somma mitluba giet hekk ikkwantifikata skond kif jirrizulta mill-prospett anness mall-avviz u mmarkat Dok. A., liema azzjoni odjerna qed issir kif rizervat fl-istess sentenza li ordnat ir-rifuzjoni tal-vettura lill-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 It-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi hija guridikament insostnibbli. M'hijiex ammessibbli talba ghal rifuzjoni ta' somma rappresentanti telf ta' valur;

2 Minghajr pregudizzju u fil-mertu l-konvenut m'ghandu jaghmel tajjeb ghall-ebda telf ta' valur stante illi l-vettura in kwistjoni kienet maqbuda b'mandat ta' qbid u mqieghda that il-kontroll ta' konsenjatarju sakemm giet deciza l-kawza *Albert Xuereb vs Joseph Baldacchino* (Citaz. Nru.2224/97 GCD) deciza fl-24 ta' Ottubru, 2002. Fil-fatt din il-kawza giet deciza fis-sens illi l-bejgh tal-karozza gie rixess u l-attur ghandu jaghti Lm6,708.50 lill-konvenut u dan ta' l-ahhar qieghed presenzjalment jesegwixxi dan il-kreditu fuq l-imsemmija vettura;

3 Il-konvenut fl-eccezzjonijiet ghall-kawza *Xuereb vs Baldacchino* hawn fuq citata mill-bidu nett accetta illi jaghti lura l-vettura;

4 Il-konvenut qatt ma uza l-imsemmija vettura;

5 Minghajr pregudizzju, l-ammont pretiz huwa esagerat stante illi l-valur tal-vettura in kwistjoni fis-suq f'Marzu 1995 ma kienx Lm15,000 izda ferm inqas.

Rat id-digriet tat-2 t'April 2004 fejn gie nominat Peter Bonello bhala perit tekniku sabiex jghamel l-istimi opportuni wara li jiehu in transidurazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kawza.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku, Peter Bonello pprezentata fl-20 ta' Frar 2004.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-processi; u

Ikkunsidrat:-

Illi in sintezi jirrizulta illi l-kontendenti bi skrittura tal-15 ta' Marzu, 1995, dokument 'JB6', kienu ftiehemu dwar il-bejgh ta' vettura 'Jaguar' bin-numru O-4023 mill-attur lill-konvenut versu l-prezz ta' hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000) li dwaru t-tnejn qablu li kien il-valur ta' l-istess vettura, u illi l-prezz ta' din il-vettura kellu jithallas b'xoghol ta' injam sal-valur ta' hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000) li kellu jigi mahdum mill-kumpanija 'Uniservices Limited', u illi ma' l-iskrittura jew almenu ftit wara l-vettura kienet giet ikkonsenjata mill-attur lill-konvenut li minn naha tieghu beda bil-forniment ta' l-ghamara kif miftiehema minnu lill-attur.

Jirrizulta ukoll illi b'citazzjoni pprezentata fl-1997 l-attur kien adixxa l-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex iholl il-bejgh tal-vettura, liema talba ma gietx opposta mill-konvenut li minn naha tieghu pero' talab illi ssir rifuzjoni lilu tal-valur ta' merkanzija li sa dakinhar tac-citazzjoni l-kumpanija 'Uniservices Limited' kienet lahqet ikkonsenjat lill-attur.

B'sentenza taghha tal-24 ta' Ottubru, 2002, din il-Qorti kienet laqghet it-talba ta' l-attur ghall-hall tal-bejgh tal-

vettura liema talba ma kienitx giet opposta mill-konvenut u laqghet ukoll it-talba tal-konvenut ghar-rifuzjoni ossija ghall-hlas tal-prezz ta’ ghamara li diga’ kienet giet ikkonsenjata lill-attur fis-somma ta’ sitt elef , seba’ mija u tmin liri Maltin u hamsin centezmi (Lm6,708.50).

Fl-istess sentenza taghha l-Qorti rriservat favur l-attur kull pretensjoni li seta’ kellu ghall-hsara li setghet tigi riskontrata fil-vettura jew fit-telf tas-siwi taghha.

Billi l-konvenut qatt ma kkontesta l-pretensjoni attrici illi l-bejgh tal-vettura kellu jinhall u li l-attur kellu jinghata lura l-vettura in kwistjoni, u billi l-istess konvenut kien qed jippretendi illi jsir il-hlas tal-valur ta’ l-ghamara li kienet giet ikkonnsenjata lill-attur bhala parti mill-prezz ta’ l-istess vettura, l-istess konvenut sabiex jissalvagwardja l-interessi tieghu kien ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ qbid kawtelatorju fuq l-istess vettura sabiex din taghmel tajjeb ghall-kreditu tal-konvenut li seta’ jigi eventwalment kanonizzat mill-Qorti.

Infatti in esekuzzjoni ta’ l-istess mandat ta’ qbid kawtelatorju kien gie nnominat kunsinnatarju, prezumilment suggerit mill-istess attur jew appuntat mill-Marixxall Ezekutant.

Din il-vettura ghada fil-fatt mizmuma ghand il-kunsinnatarju sal-gurnata tal-lum u l-attur ghadu qed jippretendi illi ma jhallasx lill-konvenut tal-valur ta’ l-ghamara kif gie ordnat jaghmel mill-Qorti billi qed jippretendi li ghandu jikkompensa dan l-ammont dovut minnu ma’ ammont illi l-konvenut hu tenut li jhallas lilu minhabba d-deprezzament tal-vettura li gara f’dawn is-snin li fih kienet soggetta ghal mandat ta’ qbid.

Hawnhekk ghandu jinghad mill-ewwel illi l-attur, la fil-bidu nett ma kien gustifikat illi jichad lill-konvenut mill-hlas dovut lilu bhala valur ta’ l-ghamara illi giet ikkonnsenjata u lanqas ma hu gustifikat li jippretendi sal-lum illi jikkumpensa tali ammont dovut lill-konvenut ma’ pretensjoni tieghu ta’ deprezzament li ghada la giet ikkwantifikata u lanqas likwidata.

Ghaldaqstant jirrizulta illi l-hrug ta’ mandat ta’ qbid kawtelatorju da parti ta’ l-konvenut huwa gustifikat u l-attur ma jista’ qatt jilmenta minn xi deprezzament dovut biss ghal moghdija taz-zmien li fih il-vettura baqghet soggetta ghall-mandat ta’ qbid peress sa mill-bidu nett huwa seta’ jiehu pussess ta’ din il-vettura mall-hlas tal-kreditu gustifikat tal-konvenut.

F’kaz pero’ illi l-vettura, f’dan iz-zmien illi baqghet soggetta ghal dan il-mandat ta’ qbid, garrbet xi hsarat allura l-attur huwa ntitolat illi jigi risarcit ghal dawn id-danni li huwa sofra.  Izda billi l-vettura hija kkonnsenjata skond il-ligi ghand kunsinnatarju nnominat mill-Qorti, u billi kif diga’ inghad il-hrug tal-mandat ta’ qbid ta’ parti tal-konvenut huwa gustifikat, huwa biss dan il-kunsinnatarju li jista’ jirrispondi ghal xi danni illi setghu gew ikkawzati fil-vettura u dana a tenur ta’ l-Artikolu 300 tal-Kap. 12 li jimponi fuq il-kunsinnatarju d-dmir illi ghall-irfigh tal-hwejjeg maqbuda juza d-diligenza ta’ missier tajjeb tal-familja.

Ghaldaqstant f’kaz illi ma tirrizulta ebda responsabbilita’ tal-kunsinnatarju, billi l-konvenut huwa gustifikat fit-talba tieghu ghall-hrug ta’ mandat ta’ qbid fuq il-vettura in kwistjoni, kwalunkwe deprezzament fil-valur tal-vettura minhabba biss iz-zmien li fih din inzammet maqbuda huwa ghar-riskju tas-sid, ossija ghar-riskju ta’ l-istess attur.

Ghaldaqstant issib li t-talba attrici mhiex gustifikata u tirrespingi t-talba ta’ l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-attur."

L-attur hassu aggravat b’ din is-sentenza u appella minnha bl-aggravju generali illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi u tal-provi.  B’ mod partikulari huwa jissottometti dan li gej:-

(1) It-talba tieghu ma kienetx tirreferi ghall-perijodu li fih il-vettura kienet maqbuda u f' idejn il-konsenjatarju izda bazata fuq it-telf fil-valur li garrbet il-vettura filwaqt li kienet f' idejn il-konvenut pendenti t-trattazzjoni tal-kawza u cjoe bejn it-30 ta' Settembru 1997 u l-24 ta' Ottubru 2002, data tad-decizjoni;

(2) Il-konvenut seta' basar li l-vettura ser iggarrab hsara u allura telf fil-valur fil-kaz li ma tintuzax;

(3) Huwa ghandu jitqieghed fl-istess stat ta' qabel il-kuntratt u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kundannat jaghmel tajjeb ghad-danni;

Qabel deliberazzjoni ta' l-aggravju interpost jidher opportun li jigu delinejati fil-qosor il-fatti essenzjali li wasslu ghall-kawza:-

(1) Permezz ta' skrittura datata 15 ta' Marzu 1995 (kopja esebita a fol. 20) il-partijiet ftehmu dwar bejgh u trasferiment tal-karozza mudell Jaguar targata numru O – 4023 mill-attur lill-konvenut. Il-prezz taghha kellu jithallas minn dan ta' l-ahhar permezz ta' kambjali;

(2) Jidher li fl-istess jum saret skrittura ohra li permezz taghha kien maqbul illi l-prezz appattwit kellu jkun sodisfatt bil-produzzjoni ta' xoghlijiet fuq l-injam da parte tal-konvenut fl-interess ta' l-attur;

(3) Mill-atti tas-sentenza ta' l-24 ta' Ottubru 2002 moghtija mill-Prim' Awla (Citaz. Nru 2224/1997) fil-kawza bejn l-istess kontendenti (kopja esebita a fol. 14) jirrizulta li l-konvenut waqa' lura fil-hlas tal-kambjali maturati mentri permezz ta' kontro-talba l-konvenut kien qed jippretendi illi mar-rilaxx tal-vettura hu jigi rizarcit il-valur tax-xoghlijiet li kien lahaq ghamel fuq inkarigu ta' l-attur. Dik is-sentenza akkoljiet kemm it-talba u l-kontro-talba, "minghajr hsara ghal kull pretensjoni li jista' jkollu l-attur dwar hsara fil-vettura jew telf tas-siwi taghha";

(4) L-odjerna azzjoni ssegwi proprju din is-sentenza anke jekk fiha l-pretensjoni ta' l-attur hi limitata ghat-telf fil-valur tal-vettura;

Premessi dawn il-fatti kif jemergu mill-inkartament tal-kawza, jokkorri li jigu precizati dawn l-aspetti guridici in tema ghal dak domandat u pretiz mill-attur appellant:

I. Hi ligi li ghandu jwiegeb ghad-danni kull min jitqies fi htija ghall-fatt illecitu tieghu jew ghall-inadempjenza kontrattwali. Effettivament l-appellanti jirrikollega l-pretensjoni tieghu mad-dispost ta' l-Artikolu 1125, Kodici Civili li jiddisponi li "kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-dannu";

II. Id-disposizzjoni titkellem dwar nuqqas ossija kolpa ommissiva. Li jfisser illi l-attur jenhtieglu jipprova fil-konvenut kondotta negligenti jew traskurata jew ommissjoni ta' l-obbligu tad-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja, li jsemmi l-Artikolu 1132 (1), Kodici Civili, u kif provvdut ukoll fl-Artikolu 1032 ta' l-istess Kodici. Jiggrava ghalhekk fuqu li jipprova l-vjolazzjoni ta' l-obbligazzjoni tat-tutela kontra l-ingeranza dannuza tad-debitur tieghu, anke ghal kaz fejn si tratta ta' inadempjenza kontrattwali;

III. Hu biss jekk jirnexxi f' din il-prova illi jista' jinghad li jezisti, imbaghad, l-obbligu da parte tal-konvenut-debitur tar-rizarciment tad-dannu. Jigifieri l-kundanna tal-hlas tal-kompensazzjoni ghall-pregudizzju arrekat u r-restawr, almenu *per equivalent*, tal-qaghda patrimonjali *ante quo* l-att jew ommissjoni leziva;

IV. Dejjem, s' intendi, jibqa' validu f' dan il-kuntest l-insenjament zviluppat mill-gurisprudenza, u cjoe, li "d-danni kontrattwali ghandhom funzjoni riparatrici u ma ghandhomx ikunu strument ta' piena lil kontraent inadempjenti jew ta' lukru ndebitu favur il-kontraent l-iehor imma biss ta' reintegrazzjoni tal-patrimonju tad-danneggjat fil-mizura li jkun sofra d-dannu" (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 478**);

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet, b’ aggunta mal-fatti fuq esposti ghandu jigi osservat illi minn dak li xehed l-attur (fol. 12) il-vettura *de quo* kienet soggetta ghal zewg mandati ta’ qbid kawtelatorju l-wiehed spedit mill-konvenut biex ihares il-pretensjoni tieghu ghall-valur tax-xoghlijiet minnu esegwiti u l-iehor mahrug fuq rikjesta ta’ l-attur innifsu (fol. 13). B’ rizultat ta’ dawn il-mandati l-vettura ghaddiet fil-pussess tal-konsenjatarju nominat. Jigi ghalhekk li fil-pendenza tal-proceduri quddiem il-Prim’ Awla l-vettura ma baqghetx fil-poter tal-konvenut. Li jfisser allura illi l-ewwel sottomissjoni ta’ l-appellant, aktar ‘il fuq elenkata, ma tikkorrispondix mar-realta` gjaladarba l-vettura kienet, fil-kors shih tal-proceduri bejn it-30 ta’ Settembru 1997 u d-definizzjoni taghhom fl-24 ta’ Ottubru 2002, taht il-kustodja tal-konsenjatarju u mhux f’ idejn il-konvenut. Ghall-attur appellant, fuq dak dedott mid-deposizzjoni tieghu, it-telf tal-valur tal-vettura sehh f’ dan l-intervall ta’ zmien. Fi kliemu stess jiddikjara illi “fiz-zmien li damet ghaddejja l-kwestjoni bejnietna, din il-karozza, a bazi ta’ mandat ta’ qbid kawtelatorju illi kont ghamilt jien, kienet giet moghtija ghand konsenjatarju, izda biz-zmien, fejn kienet, iddeterjorat” (fol. 13);

Fl-isfond ta’ din id-dikjarazzjoni, kompriz ukoll il-fatt illi l-mandat ta’ qbid kawtelatorju kien fic-cirkostanzi gustifikat, inhareg minn min inhareg, kif determinat *a posteriori* mill-motivazzjoni u l-parti operattiva tas-sentenza tal-Prim’ Awla, dan igib illi d-deterjorament jew deprezzament fil-valur tal-vettura, li drabi ohra gie rikonoxxut mill-Qrati taghna (ara b’ ezempju “**Godwin Grech -vs- Anthony Zammit**”, Appell Civili, 28 ta’ Gunju 1974) avvera ruhu se mai meta l-istess vettura kienet fil-pussess tal-konsenjatarju. *Rebus sic stantibus*, kienet ghal kollox korretta l-ewwel Qorti fejn esprimiet illi allura hu l-konsenjatarju li jista’ jkun talvota passibbli ghad-danni. Din l-espressjoni ta’ opinjoni hi konformi kemm mal-ligi kif ukoll ma’ dik il-gurisprudenza li ssostni illi “l-konsenjatarju, bhala depozitarju gudizzjali tal-hwejjeg elevati, ghandu, skond il-ligi, juza fil-kustodja taghhom l-istess diligenza li

juza ghall-kustodja tal-hwejjeg proprji” (**Kollez. Vol. XXXVIII P III p 731**);

Mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha ‘l hinn mill-konsiderazzjonijiet kollha zvolti superjorment. L-allegat telf tal-valur ma sehhx meta l-vettura kienet fil-pussess tal-konvenut. Ghallanqas dan ma giex provat li kien hekk il-kaz. Konsegwentement din il-Qorti ma ssibx raguni biex tiddissenti mir-ragonament u konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------